KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
POIARES MADURO
ippreżentati fis-17 ta' Jannar 2008 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Cour de cassation (Franza) qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [2], li sar wara u li jissostitwixxi l-Konvenzjoni ta' Brussell [3].

2. B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk is-Sezzjoni 5, dwar kuntratti ta' impjieg, introdotta permezz tar-Regolament Nru 44/2001, għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li tirregola b'mod eżawrjenti u esklużiv ir-regoli ta' ġurisdizzjoni marbuta ma' dawn il-kuntratti jew jekk, b'mod kuntrarju, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni stipulati fis-sezzjoni ddedikata għall-kuntratti ta' impjieg jistgħux jiġu kkompletati bir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 6(1) tas-Sezzjoni 2 tar-regolament hawn fuq imsemmi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 12, p. 1.

3 — Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali (verżjoni kkonsolidata), ĠU 1998, C 27, p. 1.

I — Il-kuntest ġuridiku u fattwali tal-kawża

A — *Il-kuntest ġuridiku*

3. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi:

"Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru".

4. L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 44/2001, li jinsab fis-Sezzjoni 2 li hija intitolata "Ġurisdizzjoni Speċjali", jipprevedi li persuna domiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' tiġi mfittxija fi Stat Membru ieħor:

"[…]

(1) meta tkun waħda minn numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn wieħed minnhom jkun domiċiljat, basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun iktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex [jiġi evitat] ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li [jistgħu] jirriżultaw minn proċedimenti separati;

[…]"

5. Is-Sezzjoni 5 tar-Regolament Nru 44/2001, bl-intestatura "Ġurisdizzjoni dwar kuntratti individwali ta' impjieg", hija komposta mill-Artikolu 18 sa l-Artikolu 21.

6. B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi:

"1. F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni bla ħsara għall-Artikolu 4 u punt 5 ta' l-Artikolu 5".

7. L-Artikolu 19 tal-istess regolament jistipula fl-istess Sezzjoni 5:

"Wieħed li jimpjega domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mfittex:

1) fil-qrati ta' l-Istat Membru fejn ikun domiċiljat jew

2) fi Stat Membru ieħor:

a) fil-qrati tal-post fejn l-impjegat abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu jew fil-qrati ta' l-aħħar post fejn kien jagħmel hekk, jew

b) jekk l-impjegat ma jkunx jew inkella ma kienx abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, fil-qrati tal-post fejn ikun [jew kien] jinstab in-negozju li kien jimpjega lill-impjegat".

B — *Il-kuntest fattwali tal-kawża*

8. J.-P. Rouard, konvenut fil-kawża prinċipali, ġie impjegat fl-1977 mill-kumpannija Laboratoires Beecham Sévigné, li saret

il-kumpannija Laboratoires Glaxosmithkline, li għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Franza. Għan-nom tal-imsemmija kumpannija, huwa wettaq diversi missjonijiet fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Fl-1984, J.-P. Rouard ġie assenjat b'xogħol fil-Marokk b'kuntratt ta' impjieg ġdid konkluż mal-kumpannija Beecham Research UK, stabbilita fir-Renju Unit, li tappartjeni għall-istess grupp bħall-kumpannija Laboratoires Beecham Sévigné. B'dan il-kuntratt, it-tieni prinċipal intrabat li jżomm ċerti drittijiet kuntrattwali miksuba minn J.-P. Rouard fil-kuntest tal-kuntratt ta' impjieg inizjali tiegħu (partikolarment iż-żamma tal-anzjanità tiegħu kif ukoll id-drittijiet ta' kumpens fil-każ ta' tkeċċija).

9. Fid-9 ta' Marzu 2001, il-kumpannija Beecham Research UK, li saret il-kumpannija Glaxosmithkline, keċċiet lil J.-P. Rouard. Għalhekk, fl-4 ta' Ġunju 2002, dan tal-aħħar ipproċeda quddiem il-Conseil de prud'hommes ta' Saint-Germain-en-Laye (Franza) b'azzjoni kontra l-kumpannija Laboratoires Glaxosmithkline u l-kumpannija Glaxosmithkline fl-istess ħin, liema kumpanniji assumew id-drittijiet ta' Laboratoires Beecham Sévigné u ta' Beecham Research UK rispettivament. J.-P. Rouard qed jitlob il-kundanna *in solidum* ta' dawn l-imsemmija kumpanniji għall-ħlas ta' diversi indennizzi u danni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-proċedura ta' tkeċċija, tkeċċija mingħajr kawża reali u serja kif ukoll terminazzjoni abbużiva tal-kuntratt.

10. In sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, J.-P. Rouard jissottometti li ż-żewġ kumpanniji għandhom jiġu kkunsidrati bħala koprinċipali peress li l-klawżola tat-tieni kuntratt, li tipprevedi ż-żamma ta' ċerti drittijiet kuntrattwali inizjalment miksuba taħt l-ewwel kuntratt, turi relazzjoni ta' impjieg unika u kontinwa maż-żewġ kumpanniji, li jappartjenu, barra minn hekk, għall-istess grupp. Fl-istess ħin, skont J.-P. Rouard, ladarba l-qorti Franċiża għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kumpannija Laboratoires Glaxosmithkline, irreġistrata fi Franza, l-istess qorti għandha wkoll ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, fir-rigward tal-kumpannija Glaxosmithkline, minkejja li din tal-aħħar hija stabbilita fir-Renju Unit.

11. Madankollu, il-Conseil des prud'hommes, b'mod konformi mal-linja ta' difiża taż-żewġ prinċipali, iddikjara lilu nnifsu inkompetenti filwaqt li rrileva li l-kuntratt ta' impjieg fis-seħħ fiż-żmien ta' tkeċċija kien irregolat mid-dritt Ingliż u d-dritt Marokkin. Għalhekk, ma kien fadal ebda rabta ta' subordinazzjoni bejn J.-P. Rouard u l-kumpannija Laboratoires Glaxosmithkline fi Franza. Il-Cour d'appel ta' Versailles ħassar din id-deċiżjoni u reġa' bagħat lill-partijiet quddiem il-Conseil de prud'hommes. Għalhekk il-kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali għamlu appell quddiem il-Cour de cassation.

12. Kien f'dan il-kuntest li l-qorti suprema ddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda għal deċiżjoni preliminari li ġejja:

"[Minn] naħa, […] ir-regola dwar il-ġurisdizzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu

6(1) tar-Regolament [...] Nru 44/2001 [...], li tipprovdi li persuna domiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' tiġi mfittxija, 'meta tkun waħda minn numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn wieħed minnhom ikun domiċiljat, basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun iktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex [jiġi evitat] ir-riskju ta' ġudizzji irrikonċiljabbli li [jistgħu] jirriżultaw minn proċedimenti separati', hija applikabbli fil-kawża magħmula minn impjegat quddiem qorti ta' Stat Membru kontra żewġ kumpanniji li jappartjenu għall-istess grupp, li waħda minnhom, li hija dik li impjegatu għall-grupp u li mbagħad irrifjutat li terġa' timpjegah, hija domiċiljata f'dan l-Istat Membru u l-oħra, li għaliha l-parti kkonċernata ħadmet l-aħħar fi Stati terzi u li keċċietu, fi Stat Membru ieħor, meta dan l-attur qed jinvoka klawżola tal-kuntratt ta' impjieg sabiex isostni li ż-żewġ [kumpanniji] kienu l-koprinċipali tiegħu li mingħandhom huwa qed jitlob kumpens minħabba t-tkeċċija tiegħu jew, min-naħa l-oħra, [...] ir-regola tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament [Nru 44/2001], li tipprovdi li, f'materja ta' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni hija determinata mis-Sezzjoni [5] tal-Kapitolu II [ta' dan ir-Regolament], teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) [tal-imsemmi Regolament] b'tali mod li kull waħda minn dawn iż-żewġ kumpanniji għandha tiġi mfittxija quddiem il-qorti tal-Istat Membru fejn għandha d-domiċilju tagħha[?]"

II — Evalwazzjoni ġuridika

13. Id-domanda għal deċiżjoni preliminari mressqa tinqasam f'żewġ partijiet. Ir-risposta mogħtija għal din id-domanda timplika fil-fatt li, fl-ewwel lok, jiġi determinat jekk ir-regola dwar il-ġurisdizzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 ma tistax tiġi applikata fil-kuntest tal-kuntratti individwali ta' impjieg meta fi ħdan dan ir-regolament hemm sezzjoni li tipprovdi speċifikament għar-regoli tal-ġurisdizzjoni applikabbli għall-kawżi marbuti mal-imsemmija kuntratti u, fil-każ affermattiv, li jiġu mfakkra u ppreċiżati, fittieni lok, il-kundizzjonijiet relattivi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament f'dan il-qasam.

A — *Dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 f'materji ta' kuntratti individwali ta' impjieg*

14. Fis-sustanza, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mitluba tiddetermina jekk is-Sezzjoni 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 tirregolax b'mod eżawrjenti u esklużiv il-ġurisdizzjoni f'materji ta' kuntratti individwali ta' impjieg bl-eċċezzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni l-oħra kollha previsti f'dan ir-regolament jew jekk din tippermettix interpretazzjoni fis-sens li s-Sezzjoni 5 ma teskludix l-applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali meta l-partikolarità tal-istanza timponi dan, partikolarment meta talbiet konnessi fil-konfront ta' diversi konvenuti jiġu ttrasferiti quddiem il-qorti tad-domiċilju ta' wieħed minnhom.

15. B'antiċipazzjoni tal-iżviluppi li se jsegwu, nixtieq nirrileva minn issa li l-applikabbiltà, għal kawża marbuta ma' kuntratt individwali ta' impjieg, tal-ġurisdizzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li tippermetti li diversi konvenuti jiġu mfittxija quddiem il-qorti ta' wieħed minnhom meta t-talbiet ikunu konnessi, għandha tiġi rritenuta, anki jekk, *prima facie*, jidher li l-interpretazzjoni letterali tas-Sezzjoni 5 dwar il-kuntratti ta' impjieg tipprekludi din l-interpretazzjoni. Sabiex is-soluzzjoni li qed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tinftiehem aħjar, ser nibda billi l-ewwel nesponi l-argumenti li jidhru li jeskludu l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1), fil-kuntest ta' kawżi marbuta ma' kuntratti individwali ta' impjieg, sabiex imbagħad nuri li, fil-fehma tiegħi, tali interpretazzjoni m'għandhiex tiġi rritenuta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

16. Huwa minnu li, meta jinqara waħdu, l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li jipprovdi li, "[f]'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti individwali ta' impjieg, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni bla ħsara għall-Artikolu 4 u punt 5 tal-Artikolu 5 [ta' dan ir-regolament]", jidher li jikkonferma l-interpretazzjoni li tiċħad kull regola ta' ġurisdizzjoni li mhijiex stipulata jew espressament awtorizzata fis-Sezzjoni 5 meta l-kawża tirrigwarda kuntratt ta' impjieg.

17. Minn din id-dispożizzjoni joħroġ li, minn naħa, kull kawża li tikkonċerna kuntratt individwali ta' impjieg għandha titressaq quddiem il-qorti skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fis-Sezzjoni 5 tal-imsemmi regolament (l-Artikolu 18 sa l-Artikolu 21) u li, min-naħa l-oħra, jekk hemm eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipji stipulati fis-Sezzjoni 5, dawn huma espressament previsti fl-istess regolament. Ladarba l-Artikolu 6(1) mhuwiex fis-Sezzjoni 5 u mhuwiex maħsub, bħalma huma l-Artikoli 4 u 5(5), bħala eċċezzjoni għall-applikazzjoni tar-regoli previsti mill-imsemmija sezzjoni, il-ġurisdizzjoni speċjali tal-Artikolu 6(1) hija, għalhekk, inapplikabbli għall-kawżi marbuta ma' kuntratti ta' impjieg.

18. Barra minn hekk, peress li s-Sezzjoni 5 tikkostitwixxi deroga għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ġurisdizzjoni stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 44/2001 [4] li jipprovdi li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni għandha tkun dik tad-domiċilju tal-konvenut, ir-regoli stipulati fl-Artikolu 18 sa l-Artikolu 21 tas-Sezzjoni 5 għandhom jiġu interpretati strettament, b'tali mod li jkunu ammessi biss l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġurisdizzjoni tad-domiċilju tal-konvenut li huma espressament stipulati f'din is-sezzjoni.

19. Din l-interpretazzjoni ma tistax tipprevali speċjalment minħabba li tinjora mhux biss il-portata teleoloġika u kuntestwali tar-Regolament Nru 44/2001 iżda wkoll it-tifsira tad-dispożizzjonijiet rilevanti f'din il-kawża. Fuq kollox, din titlaq mill-premessa żbaljata li l-Artikolu 6(1) huwa eċċezzjoni

4 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Kalfelis (189/87, Ġabra p. 5565, punti 8 u 9); tal-15 ta' Frar 1989, Six Constructions (32/88, Ġabra p. 341, punt 18); tas-27 ta' Ottubru 1998, Réunion européenne *et* (C-51/97, Ġabra p. I-6511, punt 47), u tat-13 ta' Lulju 2006, Roche Nederland *et* (C-539/03, Ġabra p. I-6535, punti 19 sa 23).

għar-regoli ta' ġurisdizzjoni stipulati fis-sezzjoni li tikkonċerna l-kuntratti individwali ta' impjieg. Issa, hekk kif se jintwera, ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament ma tikkostitwixxix eċċezzjoni għar-regoli ta' ġurisdizzjoni li jikkonċernaw il-kuntratti individwali ta' impjieg, iżda tikkomplementa d-dispożizzjonijiet li jikkonċernawhom b'mod li ma jaffettwax il-prinċipju tagħhom.

20. Fl-ewwel lok, għandu jiġi mfakkar li, minkejja li l-Konvenzjoni ta' Brussell ma kinitx tipprovdi sezzjoni speċifika li tikkonċerna l-kuntratti ta' impjieg, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni li hija stabbiliet kienu xorta waħda appikabbli għal dawn il-kuntratti. Barra minn hekk, b'mod simili għall-konvenzjoni, l-Artikolu 6(1), li jippermetti li diversi konvenuti jiġu mfittxija quddiem il-qorti ta' wieħed minnhom, kien perfettament applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg, kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej. Issa, ir-Regolament Nru 44/2001, li jsegwi l-Konvenzjoni ta' Brussell, kif inhuwa indikat fil-ħames premessa tal-imsemmi regolament, sar b'mod li jipprovdi kontinwazzjoni għar-regoli stipulati minn din il-konvenzjoni u mhux b'mod li jmur kontra l-istess regoli. Għalhekk, ir-Regolament Nru 44/2001 mhuwiex intiż sabiex jibdel sostanzjalment ir-regoli ta' ġurisdizzjoni, b'tali mod li wieħed jista' jaħseb li l-awturi ta' dan it-test ma kellhomx l-intenzjoni li jeskludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament fil-qasam inkwistjoni f'din il-kawża.

21. Barra minn hekk, l-awturi tar-Regolament Nru 44/2001 xtaqu joħolqu sezzjoni speċifika li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni f'materja ta' kuntratti ta' impjieg peress li kkunsidraw li "l-parti l-inqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni l-iktar favorevoli għall-interessi [tagħha] milli hemm provduti fir-regoli ġenerali" [5]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun sorprendenti jekk l-imsemmija awturi, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, kellhom il-ħsieb li jċaħħdu lill-impjegat mill-benefiċċju ta' regoli iktar favorevoli li minnhom huwa kien jibbenefika fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-regolament. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod kostanti li fil-qasam ta' kuntratti ta' impjieg din il-konvenzjoni għandha tiġi interpretata "b'mod li jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan li tiġi assigurata protezzjoni adegwata tal-parti kontraenti l-inqas b'saħħitha mill-perspettiva soċjali, f'dan il-każ l-impjegat" [6]. Issa, l-interpretazzjoni li anki fil-preżenza ta' talbiet konnessi fil-konfront ta' diversi konvenuti, l-impjegat għandu jfittex individwalment kull wieħed minnhom quddiem il-qorti kompetenti ta' kull Stat Membru tmur kontra mhux biss l-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja [7], iżda wkoll tinjora l-protezzjoni tal-parti kontraenti li tkun inqas b'saħħitha u, iktar minn hekk, iċċaħħadha minn possibbiltà li minnha hija setgħet tipprevali qabel ma' daħal fis-seħħ dan ir-regolament.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, għalkemm ir-Regolament Nru

5 — It-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 44/2001.

6 — Sentenza tat-13 ta' Lulju 1993, Mulox IBC (C-125/92, Ġabra p. I-4075, punt 18). Din il-preċiżazzjoni kienet diġà saret fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 1982, Ivenel (133/81, Ġabra p. 1891, punti 14 u 16). Ara wkoll, għal konferma ulterjuri, is-sentenzi tad-9 ta' Jannar 1997, Rutten (C-383/95, Ġabra p. I-57, punt 17), u tal-10 ta' April 2003, Pugliese (C-437/00, Ġabra p. I-3573, punt 18).

7 — Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fl-ipoteżi fejn l-impjieg jitwettaq f'iktar minn Stat Membru wieħed, għandu jiġi evitat li jkun hemm multiplikazzjoni ta' qrati li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kontradizzjoni bejn id-deċiżjonijiet u sabiex jiġu ffaċilitati r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-Istat Membru fejn ikunu ngħataw (sentenzi tal-11 ta' Jannar 1990, Dumez France u Tracoba, C-220/88, Ġabra p. I-49, punt 18, u tas-27 ta' Frar 2002, Weber, C-37/00, Ġabra p. I-2013, punt 40).

44/2001 ippreveda eċċezzjoni għar-regola tad-domiċilju tal-konvenut għall-kuntratti ta' impjieg bil-għan li jiġu protetti l-interessi tal-parti kontraenti l-inqas b'saħħitha, in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-ipoteżi ta' diversi talbiet konnessi magħmula kontra diversi konvenuti fi ħdan is-Sezzjoni 5 għandu jiġi meqjus bħala lakuna f'dan it-test. Din il-lakuna ssib rimedju fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament, li jippermetti li jiġu kkompletati r-regoli applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg mingħajr ma jiddisturba l-prinċipji tagħhom, jiġifieri, partikolarment, il-protezzjoni tal-parti kontraenti inqas b'saħħitha u, b'mod iktar ġenerali, l-intenzjoni li tiġi evitata multiplikazzjoni ta' qrati li jkollhom ġurisdizzjoni. L-applikabbiltà tal-Artikolu 6(1) hija fil-fatt rimedju għan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' karatteristika ta' dan il-każ, jiġifieri l-preżenza ta' talbiet konnessi f'materji ta' kuntratti ta' impjieg, mingħajr, madankollu, ma tiddisturba r-regoli ta' ġurisdizzjoni li jirregolawhom.

23. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tikkonkludi li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 huwa applikabbli fil-kuntest tal-kuntratti individwali ta' impjieg.

B — *Dwar il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 f'materji ta' kuntratti individwali ta' impjieg*

24. Skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali stabbilita mill-Artikolu 234 KE, tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Fuq din il-bażi, u minħabba ċ-ċirkustanzi fattwali ta' din il-kawża, li huma kumplessi u xi drabi kontradittorji, jidher importanti li jiġu ppreċiżati l-kundizzjonijiet, li l-qorti *a quo* għandha tivverifika, sabiex l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 ikun jista' jiġi invokat b'mod utli fil-kawża prinċipali.

25. Kif diġà ġie enfasizzat, ir-Regolament Nru 44/2001 ma jmurx kontra l-prinċipji stipulati mill-Konvenzjoni ta' Brussell, iżda huwa kontinwazzjoni tal-istess konvenzjoni. Barra minn hekk, il-preċiżazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 6(1) ta' din il-konvenzjoni għadhom rilevanti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għall-kawża prinċipali.

26. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jissuġġetta l-applikazzjoni tiegħu għall-kundizzjoni li "t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun iktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex [jiġi evitat] ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li [jistgħu] jirriżultaw minn proċedimenti separati".

27. Din il-kundizzjoni, li ma kinitx tinsab fit-test inizjali ta' din id-dispożizzjoni

tal-Konvenzjoni ta' Brussell, hija bbażata direttament fuq l-Artikolu 22 tal-imsemmija konvenzjoni, li jipprovdi li jkunu konnessi t-talbiet li r-rabta bejniethom tkun tant mill-qrib li jkun hemm interess li jinstemgħu u li jiġu ġġudikati fl-istess ħin sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jiġu ġġudikati separatament.

28. Fis-sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ġġudikat bħala meħtieġ li l-kundizzjoni ta' konnessjoni bejn it-talbiet tiġi trasposta fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, kundizzjoni li ġiet riprodotta b'mod ulterjuri fit-test tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 sabiex jiġi evitat li l-użu ta' din il-ġurisdizzjoni speċjali ma jiddisturbax l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġurisdizzjoni tad-domiċilju tal-konvenut. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, "dan jista' jkun il-każ jekk rikorrent ikun jista' jagħmel talba fil-konfront ta' diversi konvenuti bl-għan uniku li joħroġ lil wieħed minn dawn il-konvenuti mill-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat fejn huwa domiċiljat" [8].

29. Il-kunċett ta' "ġudizzji irrikonċiljabbli", kundizzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jista' jkollu diversi interpretazzjonijiet. Skont interpretazzjoni stretta, l-applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni speċjali f'kuntest ta' diversi konvenuti hija suġġetta għar-riskju li s-smigħ u l-ġudizzju separati tat-talbiet iwasslu għal konsegwenzi ġuridiċi li jeskludu lil xulxin. Min-naħa l-oħra, skont interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "ġudizzji irrikonċiljabbli", ikun biżżejjed jekk is-smigħ u l-ġudizzju separati tat-talbiet iwasslu għar-riskju ta' kontradizzjoni bejn id-deċiżjonijiet, mingħajr ma huwa meħtieġ li dawn jinvolvu r-riskju li jkun hemm konsegwenzi ġuridiċi li jeskludu lil xulxin [9]. Mingħajr ma ppronunzjat ruħha favur waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li "sabiex deċiżjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala kontradittorji mhux biżżejjed li tkun teżisti differenza fil-mod kif tiġi konkluża l-kawża iżda huwa meħtieġ ukoll li din id-differenza tkun irriżultat mill-istess sitwazzjoni ta' fatt u ta' dritt" [10].

30. Fir-realtà, mhuwiex meħtieġ li napprofondixxu din id-diskussjoni. Fil-fatt, mir-Regolament Nru 44/2001 u mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq jirriżulta b'mod ċar li l-element determinanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament jistrieħ fuq kollox fuq l-eżistenza ta' rabta partikolarment mill-qrib bejn it-talbiet. Issa, din ir-rabta ma tistax tiġi evalwata b'mod plawsibbli jekk mhux fid-dawl tal-fatti tal-każ partikolari u, b'mod iktar preċiż, ta' kull qasam fejn din ir-regola

8 — Sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq (punt 9).

9 — Għal espożizzjoni u analiżi ta' din il-kwistjoni, wieħed jista' jagħmel referenza utli għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza Roche Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll għal J. Bomhoff, *Judicial Discretion in European Law on Conflicts of Jurisdiction*, Sdu, La Haye, 2005.

10 — Sentenzi Roche Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 26), u tal-11 ta' Ottubru 2007, Freeport (C-98/06, Ġabra p. I-8319, punt 40).

ta' ġurisdizzjoni speċjali hija intiża li tiġi applikata.

31. Madankollu, fl-ewwel lok għandu jiġi kkunsidrat li l-għan prinċipali tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 huwa li tiġi ffavorita amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, indipendentament mill-kuntest fejn dan ikun applikat. F'din il-perspettiva, kull argument imnissel mill-protezzjoni tal-parti kontraenti inqas b'saħħitha ma jkollu ebda rilevanza u għalhekk ma jkunx jista' jiġi validament aċċettat fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Sabiex dan il-għan jiġi ggarantit u sabiex jiġi evitat użu abbużiv tal-ġurisdizzjoni speċjali, il-konnessjoni timplika neċessarjament li tista' tiġi kkonstatata rabta partikolarment mill-qrib bejn il-kawża u l-qorti mitluba tieħu konjizzjoni tagħha [11]. Madankollu, b'mod kuntrarju għall-interpretazzjoni mogħtija mir-Renju Unit, ir-rekwiżit ta' rabta bejn il-kawża u l-qorti fejn ikun tressaq ir-rikors, qatt ma jeħtieġ ġerarkija bejn il-qrati b'mod li t-talba jkollha tintbagħat quddiem dik il-qorti li jkollha r-rabta ta' konnessjoni l-iktar b'saħħitha. Tali interpretazzjoni jkollha l-effett li tintroduċi kundizzjoni supplimentari għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) li, bħala deroga mir-regola ta' ġurisdizzjoni prinċipali, għandu jingħata biss interpretazzjoni stretta [12]. Fil-qosor, il-konnessjoni li għaliha hija suġġetta l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tippreżumi li tkun ġiet ikkonstatata rabta bejn it-talbiet, rabta li għandha tkun preżenti sabiex tiggarantixxi li, tkun liema tkun il-qorti adita, din ikollha rabta mill-qrib mal-kawża, b'tali mod li din il-ġurisdizzjoni speċjali tkun użata sewwa mingħajr ma tiġi żvijata mill-għan tagħha.

32. Fit-tieni lok, din il-konnessjoni, meta vverifikata fil-kuntest tal-kuntratti ta' impjieg, timplika, fid-dawl tal-materja kkonċernata, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' kriterji xierqa sabiex tintwera l-eżistenza ta' rabta mill-qrib bejn it-talbiet f'dan il-qasam partikolari.

33. Fuq din il-bażi, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa tal-fehma li l-kundizzjoni relattiva għall-konnessjoni bejn iż-żewġ talbiet tkun issodisfata safejn, minn naħa, ikun hemm "l-istess kuntratt ta' impjieg jew, tal-inqas, tkomplija tal-istess relazzjoni ta' impjieg" [13] maż-żewġ prinċipali tiegħu jew safejn, min-naħa l-oħra, iż-żewġ kumpanniji jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpanniji.

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Ivenel (punt 11), u Pugliese (punt 17).

12 — Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem irrifjutat li tapplika t-teorija msejħa "brimba fix-xibka" ("spider in the web") elaborata b'mod partikolari mill-maġistrati Olandiżi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Il-qorti Komunitarja ċaħdet b'mod ċar din it-teorija fis-sentenza Roche Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

13 — Ara l-osservazzjonijiet ippreżentati minn J.-P. Rouard (p. 7).

34. Kif il-Kummissjoni u r-Renju Unit irrikonoxxew fl-udjenza, is-soluzzjoni għal din il-problema għandha tiġi mfittxija fis-sentenza Pugliese, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, mitluba tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett tal-post fejn l-impjegat iwettaq abitwalment l-impjieg tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet, b'mod inċidentali, preċiżjonijiet li jippermettu li jiġi ddeterminat il-livell ta' rabta bejn żewġ kuntratti ta' impjieg konklużi ma' prinċipali differenti. Fil-fatt, fil-fehma tiegħi, din il-ġurisprudenza hija partikolarment rilevanti fir-rigward tal-kriterji li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali fil-verifika tal-konnessjoni bejn it-talbiet f'materja ta' kuntratti ta' impjieg li tippermetti li diversi konvenuti jiġu mfittxija quddiem il-qorti ta' wieħed minnhom [14].

35. B'dan il-mod il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "meta impjegat ikun marbut ma' żewġ prinċipali differenti, l-ewwel prinċipal ma jistax jiġi mfittex quddiem il-qorti tal-post fejn l-impjegat jeżerċita l-attività tiegħu għat-tieni prinċipal ħlief meta l-ewwel prinċipal ikollu huwa stess, fil-mument tal-konklużjoni tat-tieni kuntratt, interess fl-eżekuzzjoni tal-ħidma li l-impjegat ikun se jipprovdi lit-tieni prinċipal f'post deċiż minn dan tal-aħħar […]. L-eżistenza ta' dan l-interess ma tistax tiġi vverifikata strettament, fid-dawl ta' kriterji formali u esklużivi, iżda għandha tiġi evalwata b'mod globali, billi tittieħed inkunsiderazzjoni t-totalità taċ-ċirkustanzi tal-każ" [15]. Il-qorti Komunitarja ppreċiżat partikolarment li fost il-fatturi rilevanti jinsabu: "il-fatt li l-konklużjoni tat-tieni kuntratt kienet prevista meta ġie konkluż l-ewwel kuntratt, il-fatt li l-ewwel kuntratt ġie mmodifikat bil-ħsieb li jiġi konkluż it-tieni kuntratt, il-fatt li teżisti rabta organika jew ekonomika bejn iż-żewġ prinċipali; il-fatt li jeżisti ftehim bejn iż-żewġ prinċipali li jipprevedi qafas għall-koeżistenza taż-żewġ kuntratti; il-fatt li l-ewwel prinċipal iżomm setgħa ta' direzzjoni fuq l-impjegat, il-fatt li l-ewwel prinċipal jista' jiddeċiedi dwar it-tul ta' żmien tal-attività tal-impjegat mat-tieni prinċipal" [16]. Għaldaqstant, huwa fid-dawl ta' dawn il-kriterji kollha flimkien, li mhumiex eżawrjenti, li l-qorti nazzjonali għandha tiddetermina jekk hemmx konnessjoni suffiċjenti bejn iż-żewġ talbiet li tippermetti lill-konvenut fil-kawża prinċipali jfittex liż-żewġ kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali quddiem il-qorti Franċiża.

36. Fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq espost, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkonkludi li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jippreżumi, għall-applikazzjoni tiegħu, li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet li tkun adegwata sabiex jiġi ggarantit li, tkun liema tkun il-qorti involuta, din ikollha rabta mill-qrib mal-kawża. Fl-evalwazzjoni ta' din il-konnessjoni fil-kuntest tal-kuntratti individwali ta' impjieg, wieħed jista' jieħu inkunsiderazzjoni, partikolarment, il-fatt li l-konklużjoni tat-tieni kuntratt kienet prevista meta ġie konkluż l-ewwel kuntratt, il-fatt li l-ewwel kuntratt ġie mmodifikat

14 — Id-duttrina kienet diġà pprevediet tali użu ta' din is-sentenza. Ara b'mod partikolari: N. Moizard, *RJS*, 10/03, p. 756, fejn huwa enfasizzat:
"Il est fort probable que les critères de l'arrêt Pugliese seront très utiles pour déterminer la juridiction compétente lors d'un litige faisant suite à une mobilité internationale au sein d'un groupe de sociétés." ["Huwa probabbli ħafna li l-kriterji tas-sentenza Pugliese ser ikunu utli ħafna sabiex tiġi ddeterminata l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'kawża li tirriżulta minn mobbiltà internazzjonali fi ħdan grupp ta' kumpanniji".]

15 — Sentenza Pugliese, iċċitata iktar 'il fuq (punti 23 u 24).

16 — *Ibidem* (punt 24).

bil-ħsieb li jiġi konkluż it-tieni kuntratt, iċ-ċirkustanza li teżisti rabta organika jew ekonomika bejn iż-żewġ prinċipali, il-fatt li jeżisti ftehim bejn iż-żewġ prinċipali li jipprevedi qafas għall-koeżistenza taż-żewġ kuntratti, il-fatt li l-ewwel prinċipal iżomm setgħa ta' direzzjoni fuq l-impjegat jew ukoll iċ-ċirkustanza li l-ewwel prinċipal jista' jiddeċiedi t-tul ta' żmien tal-attività tal-impjegat mat-tieni prinċipal.

III — Konklużjoni

37. Bħala konklużjoni, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari bil-mod li ġej:

"Ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, tista' tiġi applikata fil-kuntest tas-Sezzjoni 5 dwar ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli f'materja ta' kuntratti individwali ta' impjieg.

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jippreżumi, għall-applikazzjoni tiegħu, li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet li tkun adegwata sabiex jiġi ggarantit li, tkun liema tkun il-qorti involuta, din ikollha rabta mill-qrib mal-kawża. Fl-evalwazzjoni ta' din il-konnessjoni fil-kuntest tal-kuntratti individwali ta' impjieg, wieħed jista' jieħu inkunsiderazzjoni, partikolarment, il-fatt li l-konklużjoni tat-tieni kuntratt kienet prevista meta ġie konkluż l-ewwel kuntratt, il-fatt li l-ewwel kuntratt ġie mmodifikat bil-ħsieb li jiġi konkluż it-tieni kuntratt, iċ-ċirkustanza li teżisti rabta organika jew ekonomika bejn iż-żewġ prinċipali, il-fatt li jeżisti ftehim bejn iż-żewġ prinċipali li jipprevedi qafas għall-koeżistenza taż-żewġ kuntratti, il-fatt li l-ewwel prinċipal iżomm setgħa ta' direzzjoni fuq l-impjegat jew ukoll iċ-ċirkustanza li l-ewwel prinċipal jista' jiddeċiedi t-tul ta' żmien tal-attività tal-impjegat mat-tieni prinċipal".